MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2013

Numru. 329/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marthese Micallef)**

**vs**

**GENEROSO SAMMUT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Generoso Sammut, 48yrs, iben Carmel u Josephine nee' Attard, imwieled Pieta fl-24 ta' Frar 1954 u li joqghod 56 'Orchid', Triq in-Nirien, Siggiewi, detentur ta' karta ta' l-identita bin numru 203454M

Gie akkuzat talli fid-9 ta' April 2002, ghal habta tal-5.15 pm, gewwa l-Bahrija, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni

tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli u cioe haraq xehed bin-nahal ghad detriment ta' Angelo Portelli u Joseph Schembri, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira izda izjed minn hamsin lira.

U aktar akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla hsib li jisraq jew jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li ppretenda li ghandu f'porzjon ta' art fil-Bahrija, gieghel bl-awtorita' tieghu nnifsu, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahal fi hwejjeg hadd-iehor

U aktar talli renda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' L-Appell fit-2 ta' Awissu 1999 u it-13 ta' Marzu 1998 rispettivament, liema sentenzi saru definitivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li jinsab esebit a fol. 3 tal-Process u nnutat li l-imputat Generoso Sammut m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 18, 325(1)(b), 85, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Generoso Sammut, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tillibera lill-istess imputat Generoso Sammut taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Generoso Sammut l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------